

# Bijografija ta'
# Gio Mari Dalli

**minn Loreto J. Dalli**
(P.R.O)



*Gio Mari Dalli*

Din id-darba se nressaq quddiemkom persunaġġ importanti li ta sehem qawwi politikament kemm fir-raħal tagħna l-Gudja fejn trabba, kif ukoll lid-distrett tiegħu, dak iż-żmien ma kienx it-tielet distrett elettorali li nafu llum. Kien jikkonsisti mill-Gudja, Għaxaq, Kirkop, Safi, Qrendi, Imqabba u Żurrieq. Fejn nofs il-ħamsinijiet (50) kien ġie elett fil-Parlament f'isem il-partit Laburista. Dakinhar kien il-ħames parlament Malti (1955) fejn kien hemm maġġoranza Laburista.

Episodju simpatiku f'din l-elezzjoni, naturalment kien idur biex jara lin-nies, u l-aktar li kien imur, kienu l-ħwienet tax-xorb. Hekk kif jidħol, kien jagħmel pinta (inbid) lil kulħadd. Wara li kien ilesti l-istess nies, kienu jmorru f'ħanut ieħor! Naturalment ukoll il-karozza tiegħu kienet tiddomina dak iż-żmien. Kienet *Hillmax Mix* ta' kulur isfar bin-numru 15311, u n-nies kienet tinduna fejn kien ikun.

Gio Mari tar-RAMBLU, kif kien magħruf aħjar fostna l-Gudjani, twieled fit-18 ta' Novembru tas-sena 1914, minn Carmela mwielda Vella mart Ġużeppi Dalli (Taz-Ziggu). Huwa ħa l-magħmudija fil-parroċċa tal-Gudj fid-19 ta' Novembru l-għada li twieled. Il-parrinijiet tal-magħmudija kienu Andera Dalli u Clara Schembri. Il-ministru tal-magħmudija kien Dun Alfons Maria Gauci. Dan kif jidher fir-reġistru parrokkjali tar-raħal, Volum VII paġna 21. Huwa kien wlied fost ħames t'aħwa li kienu, Manwel, Ġużeppi, Ċikku u Wistin li ħalliena f'dawn l-aħħar jiem, jiġifieri nhar id-9 ta' Ottubru 2014.

Iż-żwieġ ta' Gio Mari sar il-Gudja fit-8 ta' Lulju tal-1939, (biss hawn insibu fil-ktieb tal-parroċċa bħala Giovanni Maria Dalli) ma' Giovanna Spiteri bint

Fedele u Carmela xebba Farrugia, u kellhom xhieda lil Agostino Cutajar u lil Ġużeppi Mercieca. Il-ministru taż-żwieġ kien Dun Anton Debono, dan insibuh fuq il-volum VII, paġna 75 tal-knisja tal-Gudja.

Biex inġeddu l-memorja ta' wieħed mill-presidenti li kellha s-Soċjetà Mużikali Marija Assunta, dak iż-żmien *Our Lady of Consolation*. Dan qed nagħmluh għaliex tant kien bniedem li ħabb lis-Soċjetà, li minkejja l-impenji kbar li kellu, xorta waħda baqa' jservi fil-kariga ta' president sal-mument tal-mewt tiegħu.

Kien disgħa u erbgħin sena ilu jew biex niftiehmu nhar id-9 ta' Settembru, 1965 li **Gio Marija Dalli**, wara marda qasira, ħalla dan il-wied tad-dmugħ u mar jingħaqad mal-Mulej għal dejjem. Warajh ħalla vojt kbir fil-familja tiegħu, fis-Soċjetà Mużikali tagħna u fir-raħal kollu tal-Gudja, tliet istituzzjonijiet li kienu wisq għal qalbu u li ghalihom ħadem u għamel dak kollu possibbli.

Għall-grazzja ta' Alla aħna se nfakkru l-memorja u l-għaqal u b'għożża kbira fejn uħud mid-disat itfal li kellhom huma stabbilixxew ruħhom tajjeb fis-Soċjetà Maltija.

Fir-rigward tal-kariga ta' **Gio Marija Dalli** bħala President tas-Soċjetà tagħna, nistgħu ngħidu li għalkemm kienu żminijiet diffiċli ħafna ta' wara l-gwerra, huwa qeda dmiru b'ħeġġa u determinazzjoni liema bħalha u kien eżempju ċar ta' sinċerità, irġulija u onestà kif diġà rajna fil-bidu. Kien pedina importanti li tat bidu għal tibdil fil-mentalità, ħafna drabi antikwata' għal waħda iktar moderna, progressiva u addattata għal dawk iż-żminijiet. Ħsibijietu kienu dejjem kif se jfawwar il-każin tagħna b'kultura mużikali, kif ukoll biex il-kazin ikun mod xieraq ta' rikreazzjoni u mistrieħ diċenti għall-poplu ħaddiem. Dam tmien snin fit-tmexxija li matulhom is-Soċjetà tagħna tat bidu għal tibdil stutturali li wassalna sal-lum fejn għandna każin li jħabbatha tajjeb ma' oħrajn ġodda bħalu. Li jinżammu relazzjonijiet tajba mal-membri tal-Każin La Stella kienet għalih dejjem priorità. Il-firem tiegħu fuq il-kotba tal-minuti u fuq dokumenti uffiċjali tal-Għaqda, jithajru jkellmu lil min jarahom. Ma kienet xejn sorpriża li s-Soċjetà tagħna ħadet parti attiva bil-banda waqt il-funeral tiegħu li sar nhar 11 ta' Settembru 1965 fil-parroċċa arċimatriċi tal-Gudja u poġġiet monument mal-ħajt tas-sala prinċipali tal-każin u ddedikat l-istess sala għall-memorja ta' **Gio Marija Dalli**.

Kien imdaħħal sew fil-politika u saħansitra kien ġie elett fil-Parlament Malti jirrappreżenta ttielet distrett elettorali. Hawn kellu ċ-ċans kollu li jgħin b'qalbu kollu lil kull min kien f'xi bżonn, sab għexieren ta' impjiegi lil min kien mingħajr xogħol, sab djar lil min ma kellux residenza diċenti, irranġa u dawwal it-toroq tar-raħal u fetaħ toroq ġodda qalb l-għelieqi biex itaffi

ftit mit-tbatija li kellhom il-bdiewa Gudjani, li dak iż-żmien kienu jaħdmu l-għelieqi tagħhom bil-bhejjem minflok bil-muturi bħal-lum, għen ukoll lir-raħħala fil-produzzjoni tal-ħalib u trobbija tal-annimali biex ikollhom riżultati aħjar. Mhux darba jew tnejn ħtieġlu jdaħħal idejh fil-but biex jgħin lil min kien fil-bżonn, insomma nistgħu ngħidu li kull min irrikorra lejh għal xi għajnuna, dejjem sab solliev.



*Diskors qabel iċ-ċerimonja tal-kxif tal-Monument mis-Sur John Dalli iben Gio Mari. Ħdejh jidhru ommu Joan u żewġ uffiċjali tal-Kumitat, eks President Tony Mangion u l-mibki Karmnu Mangion.*

Fil-ħajja ta' Gio Mari nsibu żewġ battuti morri, l-ewwel din ta' meta kien qed jibni l-Union Press ta' Triq il-Fran, il-Belt, meta l-bini tal-General Workers' Union kien f'stat avvanzat fejn fl-14 ta' Marzu tas-sena 1962 waqa', Johnny it-tifel tiegħu għal isfel mit-tielet sular, fejn illum hemm is-shaft tal-lift u ma ġralu xejn, grazzi lill-Madonna.

Punt ieħor, kien meta ftit wara din il-ġrajja huwa kien wieħed minn dawk li ngħata l-interdett minn dak iż-żmien l-Isqof Mikiel Gonzi.

Din hi biografija qasira fuq raġel ġentlom. Dan ta' hawn fuq huma ftit min fost il-ħafna opri sbieħ li wettaq matul ħajtu għall-ġid tagħna lkoll.

Gio Mari wara mewtu ħalliena bħala soċjetà li frott tiegħu lill-istess każin. Ta' min isemmi li ibnu Johnny Dalli għamel żmien President tal-istess soċjetà. Irridu ngħidu li għamel dan għal għadd tas-snin, illum huwa wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna. Ibnu ieħor tana xogħlijiet ta' pittura għall-bandalori ta' barra għall-festa taċ-Ċintura, dan huwa Patrick Dalli u nżid ngħid ukoll illum il-ġurnata għandha l-President preżenti Omar Xuereb li jiġi neputi ta' Gio Mari jew aħjar it-tifel ta' Mary li hija l-kbira fost id-disat itfal ta' Gio Mari.

**Referenza**

Reġistru tal-Knisja Arċipretali tal-Gudja.

**Ħajr tal-għajnuna**
Lill-Arċipriet tal-Gudja Dun Martin Cardona
John Dalli (Gudja) bin Gio Mari.